imisshom". Ghax illum kulhadd jaf tajjeb li l-ġenituri għandu jkollhom sehem kbir fl-edukazzjoni ta' l-ulied.

Il-ktieb fih erba' taqsimiet li jħaddnu l-qasam kollu ta' l-etika tat-tagħlim. L-awtur jibda mid-dmir tal-ġenituri, jissokta fuq il-kwalitajiet ta' l-edukazzjoni xierqa u jagħlaq b's-sehem tal-Knisja biex tfassal tagħlim ta' fejda.

It-taqsima li l-aktar tqajjem ħsieb hi dik dwar l-edukazzjoni sesswali, li llum, fil-ħajja li qegħdin ngħixu aħna, saret suġġett ta' studju ta' reqqa u ta' ħtieġa. L-awtur jikteb dan li ġej dwar l-edukazzjoni sesswali: "L-edukazzjoni sesswali hi dmir tal-ġenituri lejn uliedhom. Dawk għandhom jieħdu ħsieb li t-tfal isiru jafu dak li jeħtieġu dwar il-ħajja, mingħand min jista' u jaf ikellimhom bla ma jixgħelhom jonkella jħassarhom. It-tagħrif, iktar ma jibda kmieni aħjar, għax l-ulied inqas jintlaqtu mill-kixfa tas-sewwa".

Dan hu ktieb ta' siwi u ta' fejda, miktub bi stil ċar u ħafif, tajjeb għal idejn kulħadd u jistgħu jinqdew bih dawk kollha li jieħdu ħsieb it-tfal: ġenituri, surmastrijiet u mexxejja taż-żgħażagħ, għalhekk jixraqlu jsib eluf li jaqrawh u jinqdew bih.

Ġ.

**"IL-MULEJ QRIB!"** — Ta' Patri Donat Spiteri, O.F.M.Cap. — Lux Press. — 1968. Paġ. 18.

Hi drawwa sabiħa tal-familji Maltin li fil-lejl tal-Milied imorru l-knisja għall-Quddiesa tal-Bambin, imma qabel il-quddiesa jkun hemm ċelebrazzjoni li hi waħda mill-aktar għeżież fil-liturġija.

Iċ-ċelebrazzjoni jew "Velja" tal-Milied thejji l-fidili għall-Misterju tat-Twelid Mqaddes, u fiha jieħdu parti l-qassisin, u ċ-ċelebranti kollha, kif ukoll il-poplu, kulħadd bis-sehem tiegħu ta' kant, qari u talb.

Għalhekk kienet ħaġa ta' min ifaħħarha din il-biċċa xogħol li daħal għaliha Patri Donat. Hu qaleb għall-Malti r-ritwal kollu taċ-ċelebrazzjoni. It-traduzzjoni hi miġjuba f'Malti ħafif, ċar u mexxej, b'manjera li wieħed b'dan il-ktejjeb f'idejh, jista' jissieħeb bil-ħeffa fiċ-ċelebrazzjoni tant għażiża, u hekk jifhem aħjar it-tifsira mistika tal-Milied, u allura jżid u jkattar il-ferħ ta' qalbu għat-Twelid ta' l-Iben t'Alla.

Ġ.

**"POET"** — An International Monthly. — June, 1968.

Dan l-aħħar il-perjodiku Ingliż "Poet" stampat f'Madras, India, ħareġ numru speċjali ta' poeżiji ta' poeti Maltin maqlubin bl-Ingliż.

Ħaġa bħal din tagħtina pjaċir għax ixxerred il-letteratura Maltija fost il-barranin, imma xtaqna li l-għażla tal-awturi kienet aktar rappreżentativa u li t-traduzzjonijiet kienu aħjar. L-awturi magħżulin huma ta' xejra waħda, ħafna oħrajn magħrufin minn kulħadd tħallew barra. Xi strofi bl-Ingliż ma jfissrux sewwa t-test oriġinali.

## TWISSIJA LILL-KONTRIBUTURI

Jiddispjaċina ngħarrfu li qed jaslulna kontribuzzjonijiet għall-istampa b'ittri mitfijin li ma jingħarfux, fejn ukoll, l-ittri Maltin ma humiex immarkati b'dijakritiċi. Hekk ukoll insibu f'xi kontribuzzjonijiet miktubin bl-idejn. Dan hu xkiel kbir, sew għall-kompożitur ta' l-istamperija, kemm għall-Editur li jrid joqgħod jaħli ż-żmien isewwi l-kitba ta' manuskritti qabel ma jingħataw għall-istampa.

Jixraq l-ewwelnett li min juża t-'typewriter' ibiddel iż-żagarella meta din tiqdiemlu biex l-ittri jkunu jidhru ċari; it-tieni, fejn it-'typewriter' hi nieqsa mit-tipi Maltin, il-kontributur għallinqas jimmarkahom bil-pinna jew bil-'biro'. Hekk ukoll meta l-manuskritt hu miktub bl-idejn.

Aħna ma nixtiqux nibagħtu lura l-kontribuzzjonijiet minħabba n-nuqqas li semmejna biex tingħata kopja oħra iżjed xierqa, jew minħabba f'hekk niskartaw il-manuskritt. Ma nixtequx nieħdu dan il-pass.

## INFAKKRU

Infakkru lill-Imseħbin f'"IL-MALTI" li l-abbonament (4s. fis-sena) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar u jinbagħat lit-Teżorier Onorarju, is-Sur VICTOR APAP.

---

"DIZIONARIO ARABO MALTESE ITALIANO"

di

D.G. BARBERA

Baqa' għall-bejgħ xi ftit kopji tad-dizzjunarju Malti ta' Barbera f'erba' volumi, jiswa £5.

Kull min jixtieq jixtri kopja qabel jispiċċaw, jikteb bla telf ta' żmien lill-Professur Rev. Dun Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D., 8, St. Mary's Street, Tarxien.